



Il-Kummissjoni
Ewropea

Il-Fond Soċjali Ewropew fuq il-post tax-xogħol

Indaħħlu n-nies fis-suq tax-xogħol



Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) qiegħed jiffinanzja proġetti madwar l-UE bil-għan li jkun hemm aktar nies li jingħataw impjegji aħjar permezz ta' attivitajiet bħal taħriġ, taħriġ mill-ġdid, konsulenza u pariri dwar karrieri ta' kwalità.

Il-proġetti tal-FSE, implimentati mill-organizzazzjonijiet lokali rilevanti, itejbu l-prospetti tax-xogħol ta' miljuni ta' Ewropej, billi jiffokaw b'mod partikolari fuq dawk li jsibu l-aktar diffikultajiet sabiex isibu impjegj. Bejn l-2007 u l-2011 biss, kien hemm 2.4 miljun parteċipant u parteċipanta fi programmi

tal-impjegji tal-FSE li sabu xogħol fi żmien 6 xhur wara l-proġett tagħhom.

Il-FSE jipprepara wkoll lill-ħaddiema tal-Ewropa sabiex ikunu kapaċi jlaħħqu mal-ħtiġijiet dejjem jinbidlu tal-ekonomija. Il-programmi ta' taħriġ jgħinu lin-nies jisfruttaw l-opportunitajiet ġodda bl-aqwa mod possibbli f'ekonomija aktar ekoloġika. Il-FSE jappoġġja l-bidliet fil-kurrikuli u taġġilim aħjar sabiex jiżgura li kulħadd ikun jista' jissodisfa l-potenzjal tiegħu.

Il-FSE – approċċ prattiku għall-ftuħ tal-opportunitajiet

Permezz ta' approċċ attiv sabiex in-nies ikunu aktar addattati għas-suq tax-xogħol...

Il-kriżi ekonomika ħalliet ħafna nies ifittxu impjeg li jgħodd għalihom, li wħud minnhom isibu li l-ħiliet attwali tagħhom jistgħu ma jkunux meħtieġa fiż-żona lokali tagħhom. Barra minn hekk, il-wiċċ tas-suq tax-xogħol fl-Ewropa qiegħed jinbidel – bidla mill-industrija peżanti u l-manifattura li ġabet fi tmienhom ċerti forom tradizzjonali ta' impjegji. Fl-istess waqt, il-ħtieġa għal ħaddiema b'ħiliet għolja mhijiet qiegħda tintlaħaq f'għadd ta' setturi, tant li bosta postijiet tax-xogħol qegħdin jibqgħu battala.

Il-FSE jappoġġja lil ħafna organizzazzjonijiet li joffru korsijiet ta' taħriġ, flimkien ma' servizzi personalizzati u gwida. Skont il-ħtiġijiet lokali, tista' tiġi pprovduta wkoll assistenza sabiex tgħin lin-nies igawdu minn appren-distati jew edukazzjoni vokazzjonali.

Il-ħaddiema tas-sengħa jirriskjaw li jitolfu l-impjegji tagħhom jekk l-industrija tagħhom tkun qiegħda tiġħabat b'ix iżżomm għaddejja. Il-proġetti tal-FSE joffru diversi

possibiltajiet ta' taħriġ, li ta' spiss jifitħu opportunitajiet ġodda fl-ekonomija li tagħmel użu baxx mill-karbonju u f'impriżi li jirrispettaw l-ambjent. L-abbiltà li taħdem f'pajjiżi oħrajn tal-UE hija appoġġjata wkoll permezz ta' taħriġ fil-lingwa jew permezz ta' skambji ma' msieħba, inklużi dawk li jħaddmu f'pajjiżi oħrajn.

Is-servizzi pubbliċi tal-impjegji, bil-kuntatt mill-qrib tagħhom kemm ma' dawk li jfittxu x-xogħol kif ukoll ma' dawk li jħaddmu, huma msieħba ewlenin għal proġetti li huma intiżi sabiex jiddaħħlu aktar nies fis-suq tax-xogħol.

Riċetta għas-suċċess

Programm ta' taħriġ fil-Portugall, li kien appoġġjat mill-FSE, għen madwar 100 000 persuna jiżviluppaw ħiliet siewja li huma meħtieġa fis-suq tax-xogħol. Iċ-Ċentru tat-Taħriġ Profjessjonali fis-Settur tal-Ikel (CFPSA) jippromwovi l-programmi ta' taħriġ fil-kontroll tal-kwalità tal-laħam, tal-ikel u tal-prodotti agrikoli, fil-ġestjoni tal-ikel, u fil-catering.

Il-korsijiet qegħdin jiġu offruti kemm liż-żgħażaġħ li jkunu qegħdin ifittxu l-ewwel impjeg tagħhom kif ukoll lil dawk li bħalissa huma impjegati iżda jixtiequ jwessgħu l-ħiliet tagħhom.

Ir-rata ta' impjeg ta' dawk li attendew wieħed mit-8 000 kors offruti miċ-Ċentru turi kemm tabilħaqq huwa effettiv il-programm, fejn kważi dawk kollha li jkunu pparteċipaw isibu xogħol ladarba jlestu l-kors tagħhom.





Billi jagħmilha aktar faċli li persuna titgħallem ħiliet ġodda fi kwalunkwe età...

Ħiliet ġodda jgħibu magħhom opportunitajiet ġodda

L-azzjonijiet tal-FSE għandhom jgħollu l-livelli tal-ħiliet u jżidu l-proporzjon ta' persuni li jkunu qegħdin ifittxu x-xogħol u li jikkwalifikaw għas-suq tax-xogħol tal-lum. Kunċett ewlieni sabiex jintlaħqu dawn il-miri huwa t-tagħlim tul il-ħajja.

It-tagħlim tul il-ħajja jneħħi l-ostakoli li jwaqqfu lil xi nies milli jieħdu l-massimu mis-sistemi tradizzjonali ta' edukazzjoni u taħriġ. Strateġija ta' suċċess għandha l-għan kemm li ttejjeb u tirriforma s-sistemi tal-edukazzjoni, kif ukoll li tappoġġja lill-individwi.

Il-FSE huwa finanzjatur ewlieni tal-proġetti għat-tagħlim tul il-ħajja madwar l-UE. Fil-perjodu 2007-2013, ġew allokati aktar minn €32 biljun (jew 42% tal-baġit totali tal-FSE) għal din il-prijorità. F'dawn il-proġetti pparteċipaw madwar 5 miljun zgħażuġ u zgħażuġha, 5.5 miljun persuna b'ħiliet ta' livell baxx u 576 000 anzjan u anzjana minn madwar l-UE fl-ewwel nofs ta' dak il-perjodu biss.

Il-persuni li jinsabu f'riskju li jitilfu l-impjegati tagħhom, dawk li ilhom qiegħda għal perjodu ta' żmien twil jew dawk li qatt ma kellhom impjegi jistgħu jsibu diffikultà akbar biex isibu xogħol minħabba nuqqas ta' fiduċja fihom infushom. F'każijiet bħal dawn, proġetti li jinkludu taħriġ waqt ix-xogħol u ħiliet jew gwida għall-ħajja permezz tal-ewwel passi fuq il-post tax-xogħol jistgħu jagħtu l-għajjnuna li tagħmel id-differenza.

Billi jgħaqqdu flimkien l-elementi kollha tat-tagħlim tul il-ħajja, mit-taħriġ u l-pariri għall-konsulenza u t-tagħlim fil-ħiliet informali, l-azzjonijiet tal-FSE jtejjbu ħafna l-prospetti tax-xogħol tal-parteċipanti.

Permezz tal-għajjnuna lin-nies sabiex ikunu jistgħu jibqgħu jaħdmu għal aktar żmien...

Hekk kif il-profil tal-forza tax-xogħol tal-Ewropa jinbidel, l-assistenza lil ħaddiema akbar fl-età sejra ssir dejjem aktar importanti. L-esperjenza ta' dan il-grupp mhijiez qiegħda tiġi ddebitata, iżda t-tibdil tal-opportunitajiet fis-suq tax-xogħol jista' jittlob għal bidla fil-prassi tax-xogħol u t-taħriġ mill-għdid.

L-għajjnuna lil ħaddiema akbar fl-età sabiex jibqgħu f'impjegati adatti għalihom tfisser ukoll li jeħtieġ li dawk li jgħaddmu joffru prassi tax-xogħol adatti għall-anzjani. Il-FSE jappoġġja lil dawk in-negozji li jridu joffru aktar opportunitajiet ta' xogħol part-time, sigħat tax-xogħol flessibbli jew ambjent tax-xogħol adattat. B'dan il-mod, x'aktarx li huma jkunu jistgħu jżommu l-kompetenzi tal-impjegati anzjani tagħhom, għall-benefiċċju taż-żewġ naħat.

Permezz tat-trawwim tal-ispirtu imprenditorjali tal-Ewropa...

Disgħa u disgħin fil-mija tan-negozji fl-Ewropa huma negozji żgħar u ta' daqs medju, li jimpjegaw madwar 65 miljun ruħ minn madwar l-UE. Minn immigranti li jwaqqfu negozji tal-familja sa ġenitori bi tfal żgħar li jniedu servizzi online mid-dar sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-familja tagħhom, l-Ewropa hija mfawwra b'ideat brillanti.

It-tnaqqis tal-ostakoli li jiffaċċjaw in-nies meta jiġu biex iniedu n-negozji tagħhom, bħall-aċċess għall-finanzjament, huwa mod wieħed kif il-FSE jista' jidhul sabiex jgħin lill-kumpaniji żgħar jirnexxu. F'ħafna pajjiżi, l-inizjattivi tal-FSE joffru mikrofinanzjament lil negozji ġodda li jistgħu jsibuha diffiċli sabiex jieħdu self permezz ta' mezzi tradizzjonali.

Il-korsijiet ta' taħriġ iffanzjati mill-FSE jtejjbu wkoll il-ħiliet kummerċjali tan-nies, li jkopru suġġetti bħall-kontabilità jew il-liġi tax-xogħol. Tista' tiġi offruta wkoll konsulenza, speċjalment meta dawk li jixtiequ jsiru imprendituri jkunu qegħdin joħlqu l-pjanijiet kummerċjali tagħhom. In-networking ma' oħrajn li n-negozji żgħar tagħhom qegħdin jirnexxu huwa mod ieħor li jinkoraggja lil dawk li għadhom jibdew.

Qsim tar-riżorsi sabiex iż-żgħażaġh li qegħdin ifittxu x-xogħol jitpoġġew fit-triq għas-suċċess

Pakkett ta' investment b'valur ta' aktar minn €100 miljun, li jlaqqa' flimkien flus kontanti mill-gvern lokali u nazzjonali flimkien mal-appoġġ tal-FSE u l-investment minn dawk li jħaddmu, għandu l-għan li jgħin sa 10 000 żagħżuġh u żagħżuġha fl-Iskozja jsibu x-xogħol – b'mod partikolari f'negozji żgħar. Mistennija jinħolqu 3 000 impjeg addizzjonali f'negozji żgħar madwar il-pajjiż għall-ħaddiema ta' kull età.

It-triq 'il quddiem

L-appoġġ tal-FSE lill-pajjiżi u r-reġjuni tal-UE sabiex idañhlu n-nies fis-suq tax-xogħol huwa aktar importanti minn qatt qabel fid-dawl tal-kriżi ekonomika. It-taħriġ mill-ġdid, it-titjib fil-ħiliet u l-konsulenza personalizzata għenu lil ħafna nies jirnexxu fis-suq tax-xogħol: il-FSE jilħaq lil aktar minn 15-il miljun parteċipant fis-sena.

L-eluf ta' organizzazzjonijiet lokali, reġjonali u nazzjonali li jimlew lill-FSE bil-ħajja sejr inkomplu jibnu fuq dawn l-esperjenzi, iżda qegħdin jagħmlu saħansitra aktar enfasi fuq il-finanzjament ta' proġetti li juru riżultati ċari. Iż-żgħażaġh sejr in kunu fiċ-ċentru ta' ħafna attivitajiet. Il-FSE sejr jgħin om jidħlu fis-suq tax-xogħol billi jtejjeb is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, jiffaċilita t-tranżizzjoni fid-dinja tax-xogħol, idañħal fis-seħħ skemi ta' apprendistat jew jappoġġja l-imprenditorija u l-mobbiltà.

Kompitu ieħor huwa l-issodisfar tal-ħtiġijiet tal-ħaddiema anzjani fl-Ewropa. L-għajnuna lill-impjegati sabiex jibbenefikaw mit-tagħlim tul il-ħajja u l-appoġġ lil dawk li jħaddmu sabiex jintroduċu arranġamenti tax-xogħol xierqa għandhom jgħinu lil dan il-grupp li qiegħed isir dejjem aktar sinifikanti jaħdem b'tali mod li jaħdem għalihom.

Il-FSE jinvesti fin-nies. In-nies huma bla ebda dubju l-aktar attribut għani tal-Ewropa.

Għal aktar informazzjoni dwar il-FSE:

<http://ec.europa.eu/esf>

Din il-pubblikazzjoni hija disponibbli f'sura elettronika fl-ilsna uffiċjali kollha tal-UE.

© L-Unjoni Ewropea, 2014

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma' s-sors oriġinali.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet



<https://www.facebook.com/socialeurope>



https://twitter.com/EU_Social

ISBN 978-92-79-33301-9 (online)

ISBN 978-92-79-34056-7 (epub)



9 789279 333019

doi: 10.2767/83771 (online)

doi: 10.2767/68680 (epub)